# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 8**

**Ċitazzjoni numru 2302/00 SM**

**Francesco Fenech Services Limited**

**v.**

**Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li s-soċjeta` attriċi ppreżentat fis-17 ta' Ottubru 2000, li jaqra hekk:

> "Peress illi d-Dipartiment tal-kuntratti ħareġ tenders pubblici fejn invita lill kull minn huwa interessat fosthom l-istanti biex jixħet offerti għal "Paving Works at Sliema Promenade"(Sliema Embellishment Project) (CT Advert 399/99) skond il-kondizjonijiet u specifications pubblikati fl-imsemmija Tender; illi fit-22 ta' Dicembru 1999 is-socjeta` attrici ġiet mitluba tissottometti "set of samples (8 of each) as per sizes and requirements as set out in specifications and in respect of items E to G)" imsemmija fit-Tender, liema samples ġew debitament forniti; illi

sussegwentement l-esponent ġie infurmat mill-konvenut illi l-offerti kollha mixħuta kienu ġew micħuda; illi l-attur nomine għamel objection u iddepożita s-somma ta' Lm1774; illi għalkemm kien huwa biss li kien xeħet objection, it-Tender ġiet awarded lill Attard Bros Co Ltd u dan nonostante li din is-soċjeta` ma kienet għamlet ebda objection; illi l-General Contracts Committee naqas li josserva l-proċeduri imposti mil-liġi u senjatament aġixxa bi ksur tal-Artikoli 469 (A) (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazjoni tal-kawża; illi: konsegwentement id-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' April 2000 hija nulla u bla ebda effett legali; illi bħala konsegwenza tal-illegalita` tal-operat tad-Direttur is-soċjeta` attriċi soffriet danni li għalihom huwa responsabbli l-konvenut.

“Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

1. “tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-konvenut tat-18 ta' April 2000 hija nulla, invalida u mingħajr effett legali peress li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469 *(*A) (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. “tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-istanti bħala riżultat tal-aġir abużiv u illegali tal-istess konvenut.

“Salv il-likwidazjoni tal-istess danni f'ġudizju separat.

“Bl-ispejjes inklużi dawk tal-Protest Giudizjarju tal-24 ta' April 2000 kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi;

1. “Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu għas-segwenti raġunijiet.

2. “Illi l-esponent qatt ma kiser xi wieħed mis-subinċizi indikati mill-attur fiċ-ċitazzjoni odjerna jiġifieri l-Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) għaliex:

“(a) l-esponent qatt ma naqas li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew xi proċedura mandatorja waqt li kien qed jagħmel l-att amministrattiv jew huwa u jiddelibera anzi mexa mal-liġi bl-akbar skruplu;

“(b) barra dan, l-att amministrattiv bl-ebda mod ma jammonta għal abbuż ta’ l-awtorita` pubblika għaliex dan ma sarx għal xi għan mhux

xieraq jew issejjes fuq xi konsiderazzjoni li mhix relevanti anzi l-att amministrattiv huwa msejjes fuq dak li tgħid il-liġi;

"(c) fl-aħħarnett l-għemil bl-ebda mod ma jmur kontra xi liġi u dan jinkludi mhux biss il-Procurement Regulations iżda kull liġi oħra.

3. "Illi l-fatt li Attard Brothers ma għamlux *objection* ma jfissirx li ma setgħux jingħataw il-kuntratt għaliex l-objection mhix rikjest mandatorju biex wieħed jieħu kuntratt.

4. "Illi, bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta` attriċi m'għandhomx jintlaqgħu għaliex is-soċjeta` attriċi ma ngħatatx il-kuntratt għaliex l-offerta tagħha ġiet dikjarata bħala skwalifikata mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti. Dan sar għar-raġuni li l-offerta kienet manifestiment spekulattiva. Is-soċjeta` attriċi kkwotat erba` prezzijiet għall-istess item mingħajr ma tat ebda sjegazzjoni **mat-tfigħ ta` l-offerta** għalxiex kienu jirreferu dawn il-prezzijiet (kif jidher mit-*tender* tas-soċjeta` attriċi nnifisha). Fid-data ta` l-għeluq ta` l-offerti, l-esponent, kif jitolbu r-regolamenti, xandar il-prezzijiet ikkwotati mit *tenderer*s kollha. Eventwalment, wara x-xandir ta' dawn il-prezzijiet, is-soċjeta` attriċi kienet f'pożizzjoni li tagħżel liema prezz kien jaqblilha mill-erba' prezzijiet li kienet ikkwotat. Dan kien ikun inġustizzja mat-*tenderers* l-oħra.

5. "Isegwi li t-talbiet attriċi għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha inklużi dawk tal-kontro-protest ta' Mejju 2000.

6. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru, 2014, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej;

"27.1. Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-konvenut datata t-18 t'April, 2000, hi nulla, invalida u mingħajr effett legali peress li tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-artiklu 469A (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"27.2. Tiddikjara li l-istess konvenut hu responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetà attriċi, u dan, riżultat ta' l-aġir abbużiv u illegali tal-istess konvenut;

"27.3. Bl-ispejjeż kif dedotti fl-istess ċitazzjoni promotriċi kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

"19.0. Illi l-fatti li taw lok għall-proċedura in diżamina jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"19.1. Illi fuq talba mit-Taqsima tax-Xogħolijiet fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ħabbar sejħa pubblika datata s-26 ta' Novembru, 1999, għall-offerti għall-pavimentar tal-*"promenade"* ta' tas-Sliema;

"19.2. Illi din is-sejħa kienet iġġib in-numru CT399/99, (ara foll 145);

"19.3. Illi s-soċjetà attriċi kienet intavolat l-offerta tagħha fir-rigward fit-terminu preskritt u *a tenur* tal-kondizzjonijiet tal-istess sejħa, (ara foll 145);

"19.4. Illi wara s-sejħa in diżamina kienu tmin kumpaniji li esprimew l-interess tagħhom fir-rigward u issottomettew l-offerta tagħhom għall-istess – fosthom l-imsemmija soċjetà attriċi, (ara foll 145 u 363);

"19.5. Illi skont il-minuta datata l-20 ta' Marzu, 2000, (ara foll 152), jirriżulta li d-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħolijiet, kien irrakkomanda li l-kuntratt tal-pavimentar in diżamina kellu jingħata lill-offerta l-aktar baxxa senjatament dik sottomessa mis-soċjetà attriċi;

"19.6. Illi jirriżulta wkoll li d-Direttur tal-Kuntratti ma qabilx mal-konklużjoni tad-Direttur Ġenerali indikat fil-paragrafu preċedenti *stante* li fl-offerta tagħha s-soċjetà attriċi: (ara foll 153)

"19.6.1. Ikkwotat erbà (4) prezzijiet;

"19.6.2. Iżda issottomettiet kampjun wieħed;

"19.7. Illi r-riżultat tal-istess deċiżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, l- offerta tas-soċjetà attriċi ġiet skwalifikata, (ara foll 146);

"19.8. Illi in effetti, minn rapport redatt mill-kumitat ta' evalwazzjoni appożitament imwaqqaf għal dan il-għan, datat is-6 ta' Marzu, 2000, jirriżulta li minn tmin (8) offerenti – ħamsa (5) biss kienu ssottomettew il-kampjuni tagħhom skont is-sejħa in diżamina, (ara foll 197 u 246);

"19.9. Illi l-imsemmija kampjuni kienu ġew eżaminati fil-laboratorji speċjalizzati tat-Taqsima tax-Xogħolijiet u l-ebda kampjun minnhom ma nstab li kien skont il-kriterji rikjesti, (ara foll 197);

"19.10. Illi nonostante r-riżultanza negattiva indikata fil-paragrafu preċedenti, l-istess rapport tekniku ikkonkluda s-segwenti:

> "The cheapest of the three short listed offers is therefore that of tenderer no. 5, Messrs F. Fenech Services Limited", (ara foll 249);

"19.11. Illi sussegwentement jirriżulta li intalab li jsir ri-eżami iehor tal-kampjuni tal-offerenti fejn tliet (3) offerenti biss kienu issa involuti, senjatament: (ara foll 197)

> "19.11.1. Is-soċjetà attriċi;
>
> "19.11.2. Hal Mann, u
>
> "19.11.3. Attard Brothers Limited;

"19.12. Illi jirriżulta għalhekk li għall-kumitat t'evalwazzjoni fi ħdan it-Taqsima tax-Xogħolijiet, dawn it-tlett (3) soċjetajiet li reġgħu issottomettew il-kampjuni tagħhom mill-ġdid ittieħdu li kienu għadhom interessati fis-sejħa in diżamina, filwaqt li dawk li naqsu li jerġgħu jissottomettu l-kampjuni tagħhom kienu tilfu l-interess;

"19.13. Illi f'dan it-tieni skrutinju jidher li l-kampjun t'Attard Brothers Limited irriżulta ftit aħjar minn dak tal-kompetituri tiegħu u allura kien "...deċiż li l-kuntratt jingħata lil Attard Brothers Limited" bil-kundizzjoni hemm imposta, (ara foll 198);

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi in vista tal-premess għandu jkun paċifiku li tirriżulta s-segwenti anomalija:

> "20.1. Illi a tenur tal-minuta datata l-20 ta' Marzu, 2000, fuq riferita, id-Direttur Ġenerali, Taqsima Xogħolijiet, kien irrakkomanda lis-soċjetà attriċi għax-xogħolijiet in diżamina, (ara paragrafu numru dsatax punt ħamsa, (19.5.), aktar qabel);
>
> "20.2. Illi l-istess Direttur Ġenerali indikat fil-paragrafu preċedenti kien sussegwentement minflok irrakkomanda li x-xogħolijiet d*e quo* jsiru mis-soċjetà Attard Brothers Limited li eventwalment ingħatat il-kuntratt in diżamina, (ara paragrafu numru dsatax punt tlettax, (19.13.), aktar qabel);

"Ikkunsidrat:

"21.0. Illi minn analisi tas-suespost jirriżulta sintetikament is-segwenti:

"21.1. Illi l-partijiet kollha involuti, senjatament:

"21.1.1. Id-Direttur Ġenerali, Taqsima Xogħolijiet;

"21.1.2. Id-Direttur tal-Kuntratti;

"21.1.3. L-offerenti kollha li wieġbu għas-sejħa in diżamina;

"kienu kollha marbuta bil-kundizzjonijiet tas-sejħa oriġinali in diżamina, (ara foll 8 *et sequitur*),

"21.2. Illi s-sejħa in diżamina apparti li kienet torbot lill-partijiet kollha involuti, inkluż lill-istess konvenut, ma kienitx tagħti lok għall-ri-eżami tal-kampjuni sottomessi wara is-sejħa oriġinali;

"21.3. Illi l-libertà meħuda mir-rappreżentanti Dipartimentali fuq riferiti li jsejħu għall-eżami mill-ġdid tal-kampjuni u għall-varjazzjonijiet mill-ġdid tal-prezzijiet involuti, tirriżulta li hi *"ultra vires"* il-limiti imposti mis-sejħa oriġinali u sservi biss biex tibda tinxtamm riħa t'irregolarità nociva f'qasam fejn ir-regolarità tal-proċedura fit-trasparenza hi l-uniku operat essenzjali għall-ħolqien tal-fiduċja pubblika tant essenzjali fir-rigward;

"21.4. Illi għandu jkun paċifiku li la lill-kumitat tekniku in diżamina irriżultawlu irregolaritajiet fid-deskrizzjonijiet minnu mitluba tant li konsegwenza tal-istess, ħadd mill-offerenti ma setà jitqies indoneu skont is-sejħa oriġinali, allura l-offerenti kollha kien misshom ġew skwalifikati immedjatament u konsegwentement terġa' tingħajjat sejħa oħra mill-ġdid biex l-iskop oriġinali għall-istess sejħa xorta jkun jista jintlaħħaq bil-limpidezza dovuta;

"21.5. Illi hu proprju dan it-titubar, ħafna drabi mistur, li jgħati lok għall-pre-okkupazzjonijiet serji li għandhom jiġu eradikati darba għal dejjem mingħajr l-ebda eżitazzjoni fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"22. Illi kif isostni bi kjarezza Antonio Cianflone f'"L-Appalto Di Opere Pubbliche", Ottava Edizione, p. 389;

> ""Il sistema è necessariamente ad offerta di prezzi. Essenzjale al concetto di appalto – concorso è che dalla ġara risulti la scelta del proġetto, ha quelli riconosciuti idonei per la finalità dell'amministrazione, più favorevole sia sotto l'aspetto tecnico sia sotto il profilo economico e che l'impresa si obblighi all'escuzione dell'opera alle condizioni e ai prezzi indikati nell'offerta";"

"23. Illi tenut kont li ħadd mill-offerenti ma jirrizulta li ikkwalifika skont in-normi prestabbiliti fis-sejħa oriġinali, allura l-operat sussegwenti għal din ir-rizultanza meħud mill-konvenut u mill-kumitat

t'esperti minnu imwaqqaf jirrizulta li hu *ultra vires* il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-istess amministrazzjoni *de quo*;

"Ikkunsidrat:

"24. Illi konsegwenza tas-suespost għandu jkun paċifiku li dan ir-ri-eżami inkonsult u mhux awtorizzat, kien dak li effettivament wassal għad-diżgwid riskontrat u għad-danni lamentati mis-soċjetà attriċi;

"25. Illi għalhekk, tali egħmil amministrattiv leġittimament jaqà taħt l-iskrutinju tal-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili *ai termini* tal-artiklu 469A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"26. Illi in effetti għalhekk, jiġi hawn dikjarat li t-tieni eżami tal-kampjuni kif fuq deskritt jirriżulta li hu *ultra vires* u kien dan, taħt il-mantell tal-oskurità moħbija mill-iskrutinju trasparenti, li jwassal għas-sitwazzjoni sfortunata odjerna;

"Ikkunsidrat:

"27.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi pprovat il-każ tagħha skont il-liġi:"

Rat ir-rikors tal-Appell tad-Direttur konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti;

"Jogħġobha **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "**Francesco Fenech Services Limited v. Direttur tal-Kuntratti**" (Ċit. Nru 2302/2000/1 SM), deċiża fit-22 ta' Ottubru 2014 u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant intimat u b'hekk tiċħad it-talbiet tal-kumpannija attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija kumpannija attriċi appellata."

Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell għandu jiġi miċħud u dikjarat frivolu u vessatorju;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi dan il-każ jikkonċerna sejħa għall-offerti għall-pavimentar tal-*promenade* f'tas-Sliema. Din is-sejħa kienet regolata b'diversi liġijiet li kienu jagħtu poteri wiesa' lid-Direttur jirrifjuta kull offerta li ssir, anke l-orħos waħda, mingħajr ma jagħti raġunijiet. Inoltre, id-Direttur kellu l-fakolta` li jmexxi l-proċess kif jidhirlu opportun.

B'kollox kien hemm tmien operaturi li ħadu sehem f'din is-sejħa, fosthom is-soċjeta` attriċi appellata u s-soċjeta` Attard Bros Co. Ltd., li eventwalment ħadet il-kuntratt. Is-soċjeta` attriċi lmentat li l-kumitat ta' evalwazzjoni mexa bi proċedura żbaljata u ġew miksura d-drittijiet u l-interessi tagħha, u l-ewwel Qorti sabet favur din it-tesi attriċi u ddikjarat l-aġġudikazzjoni nulla u invalida għax saret bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Id-Direttur konvenut appella mis-sentenza u jissottometti li, fil-verita`, il-kumitat ta' evalwazzjoni aġixxa f'kull stadju b'mod korrett u raġjonevoli.

Trattat l-appell, tajjeb li qabel xejn, jiġu esposti, fil-qosor il-fatti li wasslu għall-din il-kawża. Wara li saret is-sejħa għall-offerti, is-soċjeta` attriċi, fl-offerta tagħha, ressqet offerta għas-"*supply and lay in cement/sand mortar (1:3) red in colour paving slabs*", u indikat erba' prezzijiet differenti fuq kull metru kwadru ta' xogħol. Fl-offerta tagħha, ma indikatx għal x'hiex kienu qed jagħmlu riferenza dawn il-prezzijiet; hu ammess li l-kampjuni ma ġewx ippreżentati mal-offerta. Il-kumitat ta' evalwazzjoni seta', mill-ewwel, warrab l-offerta tas-soċjeta` attriċi, peress illi din ma kinitx tindika kemm kienet l-offerta. Peress illi ġew indikati erba' prezzijiet, il-valur tal-offerta baqa' inċert u l-istess offerta setgħet ġiet skwalifikata.

Id-Dipartiment tal-Kuntratti ma ħax dan il-pass, u minflok ħatar kumitat ta' evalwazzjoni, kompost minn nies esperti fil-materja, u talab lill-offerenti kollha jagħtu kampjun tal-prodotti tagħhom ħalli b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu eżaminati. Jirriżulta li mit-tmien offerenti, kienu ħamsa biss, inkluż is-soċjeta` attriċi, li taw il-kampjun tagħhom. Is-soċjeta` attriċi issottomettiet erba' kampjuni u spjegat liema kampjun hu marbut mal-prezz imsemmi fl-offerta. Jidher, pero` li, f'dan l-istadju, is-soċjeta` attriċi ma ċċaratx liema kampjun kienet qed tofri.

Il-kumitat ta' evalwazzjoni ma kienx sodisfatt bil-kampjuni sottomessi, u l-ħames kuntratturi li kienu oriġinarjament taw il-kampjuni, intalbu sabiex jerġgħu jgħaddu kampjuni ġodda. Hawnhekk, tlieta biss kienu dawk l-

offerenti li reġgħu taw il-kampjuni l-ġodda. Hawnhekk, ukoll, is-soċjeta` attriċi indikat il-prezz ewlieni marbut mal-offerta tagħha, ċioe`, iċċarat il-valur eżatt tal-offerta tagħha.

Il-kumitat ta' evalwazzjoni, għalhekk, għamel *short listing* ta' dawn it-tliet offerenti u eżamina l-kampjuni offruti. Minn dan l-eżami irriżulta li l-prodott tas-soċjeta` attriċi għadda mid-"*dimensions and method of casting*", iżda weħel mit-testijiet tal-"*comprehensive transverse strength*" u l-"*water absorption*". Il-kampjuni tas-soċjeta` Attard Bros. Co. Ltd. għaddew mid-"*dimensions and method of casting*" u mit-test tal-"*comprehensive transverse strength*", filwaqt li, fil-kuntest tal-"*water absorption*", il-kampjuni urew nuqqas marġinali.

Saret rakkomandazzjoni li l-offerta kollha tingħata lis-soċjeta` attriċi li, fl-aħħar mill-aħħar, kellha l-orħos offerta – jekk ikun aċċettat li din is-soċjeta` setgħet tipproċedi fl-evalwazzjoni darba li mal-offerta indikat erba' prezzijiet differenti. Il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti iddeċieda li, għal din ir-raġuni, jiskwalifika lis-soċjeta` attriċi, u ssuġerixxa li l-kuntratt jingħata permess ta' *direct order* lill-kumpanija Attard Bros. Co. Ltd. li kellha, allura, f'dak l-istadju l-orħos offerta. Is-soċjeta` attriċi oġġezzjonat għal din ir-rakkomandazzjoni, iżda l-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti ħareġ deċiżjoni fit-18 ta' April, 2000, li biha ċaħad l-ilment peress ill, fi ftit kliem, "*the quoting of four different prices for this particular item was not only*

*incorrect but also rendered the evaluation of this particular tender practically impossible*."

Din il-Qorti ma tistax taqbel fuq dan il-punt mad-deċiżjoni tal-Bord, u dana peress li, għalkemm l-offerta tas-soċjeta` attriċi kienet mankanti, dik l-istess offerta ġiet aċċettata u kkonsidrata mill-kumitat ta' evalwazzjoni. Dan il-kumitat talab, għall-darba darbtejn, kampjun minn min għamel proposti, u aċċetta l-kampjuni li ressqet is-soċjeta` attriċi. Dawn il-kampjuni ġew eżaminati u analizzati, tant li nħareġ rapport kimiku fil-konfront tal-kampjuni tas-soċjeta` attriċi. Il-kwistjoni tal-erba' prezzijiet ġiet eventwalment iċċarata, u s-soċjeta` attriċi anke identifikat il-kampjun li kienet qed tofri. Jekk l-offerta oriġinali kienet ħażina (kif fil-fatt jidher li kienet) kellha tiġi mwarrba mill-ewwel, u mhux titħalla li tiġi eżaminata u, fl-aħħar, titqies li ma kellhiex tiġi hekk eżaminata.

Ma kienx biżżejjed li jiġi espress dubju dwar il-validita` tal-offerta tas-soċjeta` attriċi, iżda min kellu jiddeċiedi u kien responsabbli mill-amministrazzjoni tas-sejħa, kellu jaġixxi u mhux jgħaddi l-offerti li irċieva, inkluż dik tas-soċjeta` attriċi, lill-kumitat ta' esperti biex jeżamina dawk l-offerti.

L-awtoritajiet governativi mitluba jeżaminaw l-offerti ma kinux preklużi milli jitolbu sottomissjonijiet tal-kampjuni, jekk ħassew tassew il-ħtieġa li

jagħmlu biex iwettqu l-analiżi tal-istess offerti. Meta ma kinux sodisfatti bl-ewwel *batch* ta' kampjuni, setgħu wkoll jitolbu aktar kampjuni, u ma kien hemm xejn ħażin li offerenti jintalbu li jissottomettu kampjuni ġodda għall-verifiki ulterjuri. L-offerenti kollha ġew trattati bl-istess mod u manjiera, pero`, ma tistax, wara li l-offerti kollha jiġu evalwati, telimina offerta fuq argument li l-offerta partikolari ma kellhiex, *a priori*, tiġi aċċettata.

Ebda konkorrent ma kkontesta l-fatt li intalbu kampjuni għat-tieni darba, u li s-soċjeta`attriċi kienet komparteċipi fl-istadju tal-kampjuni li kienu qed isiru. Għalkemm internament ġew espressi xi dubji dwar l-offerta tas-soċjeta` attriċi, din ma ġietx imwaqqfa milli tipparteċipa fl-eżami li kien qed isir.

Fir-rigward ta' aggravju ieħor tas-soċjeta` attriċi, ma jistax jingħad li fl-eżami li sar, kien hemm ksur tal-prinċipju ta' *audi alteram partem.* Is-soċjeta` attriċi ngħatat l-opportunita` sħiħa biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-kumitat Ġenerali tal-Kuntratti. Hija kienet debitament rappreżentata u ressqet is-sottomissjonijiet tagħha, u tqies li l-ilment tagħha fir-rigward hu pjuttost fieragħ.

Din il-Qorti issib, pero`, li fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni kienet korretta. Kif intwera qabel, il-prodott tas-soċjeta`

attriċi kien mankanti f'żewġ aspetti, u ma kellux jiġi aċċettat. Mhux kwistjoni li d-Direttur tal-Kuntratti seta' warrab xi offerta kif irid u jogħġbu (ħaġa li, f'kull każ, mhux permess), imma l-offerta partikolari tas-soċjeta` attriċi kienet nieqsa minn dawk il-kwalitajiet li jagħmlu l-prodott idoneju għall-użu tiegħu. Kwindi, għamel sew id-Direttur tal-Kuntratti li warrab l-offerta tas-soċjeta` attriċi.

It-talba attriċi biex id-deċiżjoni tiġi dikjarata nulla għax tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A (1) tal-imsemmi Kap. 12 ma tistax tintlaqa' peress li d-deċiżjoni hija waħda sostanzjalment ġusta, u ma jikkonkorru ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fis-sub-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu. Ma kien hemm ebda abbuż da parti tal-awtoritajiet governativi, u d-deċiżjoni hija waħda konformi mal-liġi.

Ma ġiex indikat liema parti mill-proċeduri ma ġewx segwiti. Saru ħafna allegazzjonijiet ta' xi nuqqasijiet, iżda kif u fejn ma ġiex muri. Jekk offerent jilmenta li, fit-teħid tad-deċiżjoni, inkisru xi regoli proċedurali, trid issir riferenza speċifika għar-regoli li ġew miksura, u mhux jibqa' fuq il-ġenerali.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mid-Direttur tal-Kuntratti billi tilqa' l-istess, tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Ottubru, 2014, u minflok tiċħad it-talbiet l-

ispejjeż, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta` appellata Francesco Fenech Services Ltd.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm